

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 740/2007****tat-28 ta' Ġunju 2007****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1994/2006 li jstabbilixxi kwoti tariffarji Komunitarji għas-sena 2007, għan-ngħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-ngħaġ u għal-laħam tal-mogħoż**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-ngħaġ u l-laħam tal-mogħoż <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1994/2006 <sup>(2)</sup> jipprovdi għall-ftuħ ta' kwoti tariffarji Komunitarji għan-ngħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-ngħaġ u għal-laħam tal-mogħoż, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (2) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli li sar abbażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(3)</sup>, kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/138/KE <sup>(4)</sup>, jipprovdi għall-għoti ta' kwota tariffarja annwali addizzjonali ta' 500 tonnellata (f'piż tal-karkassa) ta' laħam tan-ngħaġ frisk, imkessaħ, iffriżat jew affumikat għall-Iżlanda. Madankollu, peress li l-Ftehim japplika mill-1 ta' Marzu 2007, jeħtieġ li l-kwantità annwali għall-2007 tiġi emendata kif meħtieġ.

(3) Il-Ftehim jippreċiża li l-kwota tariffarja għandha tiftaħ mill-1 ta' Lulju, abbażi ta' 9 xhur għall-2007. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1994/2006 għandu jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-laħam tan-ngħaġ u l-laħam tal-mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1994/2006 jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 341, 22.12.2001, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

<sup>(2)</sup> ĠU L 413, 30.12.2006, p. 3; il-verżjoni kkoreġuta: ĠU L 50, 19.2.2007, p. 5.

<sup>(3)</sup> ĠU L 61, 28.2.2007, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU L 61, 28.2.2007, p. 28.

## ANNEX

## "ANNEX

## LAĦAM TAN-NGĦAĠ U LAĦAM TAL-MOGĦOŻ (ftunnellati (t) ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa)

## Kwoti tariffarji komunitarji għall-2007

Nru tal-Grupp ta' pajjżi	Kodiċijiet tan-NM	Dazju "ad valorem" %	Dazju speċifiku EUR/100 Kg	Numru ta' l-ordni (bi preċedenza skond id-data tat-tressiq)				Oriġini	Volum annwali ftunnellati ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa
				Animali hajin (Koeffiċjent = 0,47)	Ħaruf mingħajr għadam (¹) (Koeffiċjent = 1,67)	Muntun/ħaruf mingħajr għadam (²) (Koeffiċjent = 1,81)	Laħam bl-għadam u bil-karkassa (Koeffiċjent = 1,00)		
1	0204	Żero	Żero	—	09.2101	09.2102	09.2011	L-Arġentina	23 000
				—	09.2105	09.2106	09.2012	L-Awstralja	18 786
				—	09.2109	09.2110	09.2013	In-New Zealand	227 854
				—	09.2111	09.2112	09.2014	L-Urugwaj	5 800
				—	09.2115	09.2116	09.1922	Ile-Ċili	5 800
				—	09.2121	09.2122	09.0781	In-Norveġja	300
				—	09.2125	09.2126	09.0693	Greenland	100
				—	09.2129	09.2130	09.0690	Il-Gżejjer Faeroe	20
				—	09.2131	09.2132	09.0227	It-Turkja	200
				—	09.2171	09.2175	09.2015	Ohrain (³)	200
				—	09.2119	09.2120	09.0790	L-Iżlanda	1 725
2	0204 0210 99 21 0210 99 29 0210 99 60	Żero	Żero	—	09.2145	09.2149	09.1622	L-Istati AKP	100
				09.2141					
3	0104 10 30, 0104 10 80 u 0104 20 90 Għall-ispeċi 'ngħaġ mhux domestiċi' biss: ex 0204, ex 0210 99 21 u ex 0210 99 29.	Żero	Żero	—	09.2145	09.2149	09.1622	L-Istati AKP	100
				09.2141					

Nru tal-Grupp ta' pajjiżi	Kodifikat tan-NM	Dazju "ad valorem" %	Dazju speċifiku EUR/100 Kg	Numru ta' l-ordni (bi preċedenza skond id-data tat-tressiq)				Orġini	Volum annwali f'tunnellati ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa
				Annimali ħajjin (Koeffiċjent = 0,47)	Ħaruf mingħajr għadam <sup>(1)</sup> (Koeffiċjent = 1,67)	Muntun/ħaruf mingħajr għadam <sup>(2)</sup> (Koeffiċjent = 1,81)	Laħam bl-għadam u bil-karkassa (Koeffiċjent = 1,00)		
	Għall-ispeċi 'ngħaġ domestiċi' biss: ex 0204, ex 0210 99 21 u ex 0210 99 29.	Żero	Tnaqqis tad-dazji speċifiċi ta' 65 %	—	09.2161	09.2165	09.1626	L-Istati AKP	500
4	0104 10 30 0104 10 80 0104 20 90	10 %	Żero	09.2181	—	—	09.2019	Erga omnes <sup>(4)</sup>	92

<sup>(1)</sup> U l-laħam tal-ġdi.

<sup>(2)</sup> U l-laħam tal-mogħoż għajr tal-ġdi.

<sup>(3)</sup> "Oħrajn" tirreferti għall-orġini kollha, inklużi l-Istati AKP u minbarra il-pajjiżi l-oħra msemmija f'din it-tabella.

<sup>(4)</sup> "Erga omnes" tirreferti għall-orġini kollha, inklużi l-pajjiżi msemmija f'din it-tabella."